## Laqgha Numru 16/K3/2000

## Introduzzjoni

Minuti tas-Sittax il-Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 25 t'Ottubru 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsilliera Pierre Cordina u Ray Pace flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsilliera Carmela Attard kienet skuzata.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fid-19 t'Ottubru 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 15 / K3 / 2000.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Il-Format tal-Magazine Lehen il-Kunsill Lokali Pembroke.**
5. **Programm t'attivitajiet ghal-zmien il-Milied.**
6. **Road Resurfacing.**
7. **Approvazzjoni tal-Kontijiet.**
8. **Materji Ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 15/K3/2000.

1.1. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 15/K3/2000.

1.2. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Mistoqsijiet.

2.1. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghall-item li kien imiss.

## 3. Korrispondenza.

3.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-12 u l-25 t'Ottubru 2000 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghall-

| Rif. | Suggett |
|---|---|
| 46/1037/00/I | Kwotazzjoni minghand il-Perit Ruben P Borg tal-MED design Consultnts Limited rigward xoghol ta' pajpijiet ghad-dawl fit-toroq fejn ser isir it-tarmac. |
| 46/1066/00/I | Rapport minghand il-Perit Samuel Formosa rigward ix-xogholijiet li saru fil-Playing Field ta' Triq Falaise. |
| 46/1068/00/I | Ittra minghand l-Avukat Dr Joe Zammit Maempel rigward il-libell li kien sar mil-Kunsill kontra s-sur Mark Causon u l-Editur ta' The Malta Independent Daily. |
| 46/1077/00/I | Ittra minghand l-MSD dwar il-kont pendenti rigward ix-xogholijiet li kienu saru fil-Gnien Pubbliku li hemm fi Triq Camillo Sciberras. |
| 46/1079/00/I | Ittra minghand il-Maltacom inkluz lista tal-prezzijiet ghal xogholijiet li hemm bzonn isiru fit-toroq fejn ser isir it-tarmac. |
| 46/1082/00/I | Kopja t'ittra li il-Ministeru tal-Kunsilli Lokali baghat lill-Ufficcju Elettorali rigward il-konfini tal-lokal. |
| 46/1102/00/I | Ittra minghand il-Kunsill Lokali Swieqi biex issir Pelican Light fi Triq Sant Andrija. |
| 46/1103/00/I | Kopja t'ittra li l-Perit Samuel Formosa baghat lis-sur Rene Scicluna rigward il-progett t'upgrading tal-Playing Field ta' Triq Falaise. |
| 46/1104/00/I | Kwotazzjoni minghand V & C ghall-Bus Shelters u tappieri tad-drenagg. |
| 46/1107/00/I | Ittra minghand id-Dipartiment tat-toroq rigward is-setting out levels of Misrah il-Fortizza. |
| 46/1108/00/I | Kwotazzjoni minghand A to Z Electronics Ltd ghal xiri ta' kompjuter gdid. |
| 46/1110/00/I | Ittra minghand il-Kunsill Lokali Swieqi rigward il-Premju The Selina Cassar Said – Noble Heart Memoria Award. |

3.2. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1037/00/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill, li fl-laqgha li kellu mas-Sur Paul Galea forman ta' Enemalta, l-istess Enemalta jidher li ma hiex f'pozizzjoni li tiffinanzja li jsiru pajpijiet ghad-distribuzzzjoni tad-dawl tat-toroq.

3.3. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona biex isiru pajpijiet taht il-bankina fit-Triq il-Fortizza in-naha ta l-open area fi Triq Patri Indri Vella in-naha tal-grocer li

jibqghu sejrin sac-central strip, liema pajpijiet fil-futur ghandhom jintuzaw ghall-installazjoni gdida ta' street lightining.

3.4. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

3.5. Il-Kunsill qabel unanimament

3.6. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1066/00/I u 46/1103/00/I** is-Segretarju Ezekutttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li min informazzjoni li kiseb minghand il-kumpanija Joseph F. Spiteri & Co. agenti tal-Kee Klamp, ir-railings li kien hemm fil-playing field fi Triq Falaise jiswa madwar Lm 348.38 ghalhekk irrakkomanda lill-Kunsill li dan l-ammont ghandu jitnaqqas mil-kont tas-Sur Rene Scicluna ghax-xoghol li ghamel.

3.7. Il-Kunsillier Ray Pace staqsa s-Segretarju Ezekkuttiv Kevin Borg meta beda u meta spicca x-xoghol fuq il-playing field, kemm kien il-kont ta' penali tal-kuntratt u jekk ix-xogholijiet li talab li jsiru l-Perit sarux kollha.

3.8. Is-Segretarju Ezekkuttiv Kevin Borg informa l-Kunsill li x-xoghol beda nhar il-Gimgha 5 ta' Mejju 2000 u spicca fis-6 t'Ottubru jigifieri 50 gurnata aktar min dak stipulat fil- kuntratt. Il-Kelliem qal li x-xoghol mitlub mill-perit ghadu ma sarx kif ukoll li d-data tas-6 t'Ottubru kienet meta spicca x-xoghol fuq ic-chain link fance.

3.9. Il-Kunsillier Ray Pace ghaldaqstant qal li peress li x-xoghol ghadu mhux lest il-Kunsill ghandu jikkonsidra li x-xoghol ha 63 granet iktar min dak stipulat li bir-rata ta' Lm50 kull gurnata ifisser penali totali Lm 3,150.

3.10. Is-Segretarju Ezekkuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien obligat li jhallas 75% tax-xoghol kull xahar u l-bilanc ta 25% kellu jithallas 6 xhur wara li jitlesta x-xoghol kollu.

3.11. Fid-dawl ta' dan kollu s-Sindku Joe Zammit ppropona li mill-kont ta' Rene Scicluna ghandhom jitnaqqsu l-ammonti ta' Lm 348.38 ta' railings kif ukoll penali ta' Lm 2,000.00. Il-Kelliem ppropona wkoll li l-kuntrattur ghandu jkun infurmat li b'effett min-nhar it-Tnejn 30 t'Ottubru se jergghu jibdew il-penali sakemm jitlesta x-xoghol kollu. Il-Kelliem qal li kien qed jipproponi Lm 2,000.00 u mhux Lm 3,150.00 bhala koncesjoni ghall-fatt li l-kunsill ma hallasx 75% tal-kontijiet kif stipulat fil-kuntratt.

3.12. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

3.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1068/00/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li peress li s-Sur Mark Causon hallas id-danni tal-kawza ta' libel il-kawza kienet giet irtirata.

3.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1077/00/I** il-Kunsill qabel unanimament li jinforma l-MSD li l-Kunsill lest li jhallas il-kont dovut la darba l-MSD tipprovdi kwotazzjoni ghax-xogholijiet li hemm bzonn li jsiru fil- gnien li hemm fi Triq Camillo Sciberras.

3.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1079/00/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-kopja tal-pjanta inkluz prezzijiet tax-xogholijiet mitluba mill-Maltacom inkonnesjoni mar-road resurfacing kienet intbaghtet lill-Kumpanija Penza Constructions.

3.17. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1082/00/I** is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-press conference ppoposta fil-laqgha precidenti vis-à-vis il-kwsitjoni tal-konfini u tat-Triq il-gdida ghandha tigi posposta ghal zmien indefinit sakemm il-Kunsill jircievi risposta ghall-ittra li l-Ministru tal-Kunsilli Lokali baghat lill-Ufficju Elettorali.

3.18. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.20. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1104/00/I** is-Sindku Joe Zammit irrakomanda li l-Kunsill ghandu jikteb lid-Drainage Department u lill-Storm Water Culvert Unit biex jissuplixxi lill-Kunsill bin-numru mehtieg ta’ manholes u culvert grids rispettivament ghal dawk it-Toroq fejn se jsir road resurfacing. Il-Kelliem qal wkoll li jekk ir-risposta tkun fin-negattiv il-Kunsill ghandu jinforma d-Dipartimenti rispettivi li jekk ma jissupplixewx il-materjal mitlub il-Kunsill jesigi li jigi rimbursat ghall-ispejjez involuti biex jinxtara l-istess materjal.

3.21. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1108/00/I** is-Sindku Joe Zammit presenta skeda ta’ kwotazzjonijiet fejn wara ppropona li l-Kunsill jixtri kompjuter gdid minghand AtoZ Electronics ghall-ammont ta’ Lm 825.00 peress li l-offerta taghhom hija l-aktar vantagguza. **( Ara Appendici A )**

3.22. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

3.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.24. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1110/00/I** il-Kunsillier Pierre Cordina ppropona li l-Kunsill jinnomina jekk hemm xi student mill-iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo li ghamel opra ta’ karita ma persuni b’dizabilita jigi nominat ghall-Premju The Salina Cassar Said – Noble Heart Memoria Award.

3.25. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.26. Il-Kunsill qabel uninamament.

## 4. Il-Format tal-Magazine Lehen il-Kunsill Lokali Pembroke.

4.1. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien ta l-opinjoni li ghandu jigi emendat il-format tal-Magazine Lehen il-Kunsill Lokali Pembroke.

4.2. Wara li saret diskussjoni generali u fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsilliera prezenti s-Sindku Joe Zammit ppropona li l-minuti ma jibqawx jigu ppublikati fil-magazine, tibda tigi ppublikata nformazzjoni generali fosthom il-hinijiet tal-karozzi tal-linja u l-hinijiet tal-librerija pubblika, informazzjoni generali utli ghar-residenti tal-lokal kif ukoll il-possibilita li jibda jkun hemm crossward puzzle bi premju.

4.3. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

4.4. Il-Kunsill qabel uninamament.

4.5. Is-Segretarju Ezekkuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsilliera prezenti biex jekk jista’ jkun isir sforz generali halli jingabru sponsers biex ikun jista’ jigi iffinanzjat il-magazine.

4.6. Is-Sindku Joe Zammit enfassiza li jekk ma jirrizultax li jkun sar sfortz u eventwalment jingabru sponsers il-magazine m'ghandux jigi ppubblikat b'telf.

4.7. Il-Kunsillier Ray Pace talab biex kull Kunsillier sa nhar l-Erbgha l-8 ta' Novembru 2000 jinforma lilu u lis-Segretarju Ezekkuttiv bl-isponsers li jkunu ngabru u bil-lista tal-kumpaniji li jkunu gew avvicinati. Il-Kelliem talab ukoll lill-Kunsilliera prezenti biex sa nhar l-Erbgha 1 ta' Novembru 2000, jew jekk inhu possibli qabel jipprovdu l-artiklu ghall-magazine.

## 5. Programm t'Attivitajiet ghal-Zmien il-Milied.

5.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jorganizza party tal-Milied ghat-tfal tal-lokal li jkun jikkonsisti billi tfal jittiehdu jaraw film u jinghataw rigal bl-etajiet ikunu bhall tas-snin li ghaddew u li l-mizata tkun ta' Lm1.75 kull persuna. Il-Kelliem qal li d-data ghall-party ghandha tkun jekk dejjem hu possibli qabel il-Milied. Il-Kelliem ppropona wkoll li jsir riceviment fl-Ufficju Administrattiv tal-Kunsill ghall-haddiema li jinkludi kenniesa, pulizija, wardens, pustiera, AFM ecc. Is-Sindku Joe Zammit ppropona wkoll li ssir attivita' ghall-anzjani fejn dawn jigu mistiedna fl-Ufficcju tal-Kunsill u li jinghataw kartolina u kejk u finalment ppropona wkoll li nhar il-Gimgha 5 ta'Jannar 2001 issir ikla ghall-Kunsilliera u staff bil-partners maghhom.

5.2. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

5.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6. Road Resurfacing.

6.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li beda x-xoghol tar-road resurfacing fejn illum bdew jinbidlu l-house connections ta' l-ilma.

**6.2.** Il-Kunsillier Ray Pace prezenta kopja ta' l-ittra li qed tintbaghat lir-residenti minghand il-kumpanija JerJoe li jidher li hija llegali. Il-Kelliem irrakkomanda li din l-ittra tintbaghat lic-Chairman tal-Water Service Corporation. **( Ara Appendici B )**

## 7. Approvazzjoni tal-kontijiet.

7.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni ta' skeda ta' pagamenti ghajr dak ta' DMS riferenza 99/0355, kif ukoll jigi aggustat il-kont tas-Sur Rene Scicluna riferenza 141 skond kif gie deciz aktar qabel fil-laqgha. **( Ara Appendici C )**

7.2. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

7.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8. Materji Ohra.

8.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill joggezzjona ghat-talba ta' Sprachcaffe biex jestendi l-hinijiet tieghu sa' 4.00 am . Il-Kelliem ppropona li l-oggezzjoni tal-Kunsill ghandha tinkludi wkoll pettizzjoni minghand ir-residenti

fil-vicinanza ta' Sprachcaffe li fil-passat dejjem ilmentaw ghal-inkonvenjent li jkunu qed isofru.

8.2. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

8.3. Il-Kunsill qabel uninamament.

8.4. Is-Sindku Joe Zammit ta rendikont tal-laqgha li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kellhom mas-Supratendent Patrick Spiteri. Il-Kelliem qal li min din il-laqgha rrizulta li karozzi tal-linja, trakkijiet il-fuq min hames tunnellati u kull opera tal-bahar ma jistawx jithallew fit-toroq. Rigward il-Hawkers biex jittiehdu passi, kull rapport ghandu jinkludi n- numru tal-vettura, l-hin, l-gurnata, l-post fejn ikunu kif ukoll l-aktar importanti persuna li lesta tixhed. Is-Sindku qal fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni la l-pulizija u l-anqas il-gwardjani lokali ma jkunu jistghu jiehdu passi legali. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill ukoll li s-supretendent infurmah li huwa mpossibli li jibda jkun hemm pulizija iehor waqt il-hinijiet ta l-iskejjel kif ukoll pulizija fl-akwati tal-Qasam tad-djar San Gorg fi tmiem il-gimgha minhabba nuqqas ta pulizija fid-distrett.

8.5. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-laqgha li saret ma ufficjali tal–Koperazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma rigward Road Reinstatment Agreement. Il-Kelliem qal li l-WSC kienu qed jipproponu li r-reinstatement ghandu jsir minn kuntrattur imqabbad mill-Kunsill bil-prezz fiss ta' Lm 21.50. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-unika oggezzjoni li hemm hija li l-Kunsill ser ikun marbut legalment li jaghmel reinstatement bil-hot tarmac meta minn parir li ghandu l-Kunsill jirrizulta li dan mhux prattiku.

8.6. Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill jikteb ufficcjalment lill-Onorevoli Ministru Austin Gatt fejn jinfurmah li ghalkemm il-Kunsill jaqbel mal-proposti tal-Kuntratt fl-istess hin ma jistax jaccetta li jiffirma xi haga li jirrizulta li m'hiex prattikabbli.

8.7. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

8.8. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.9. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minn informazzjoni li ghandu minghand l-RSPCA jirrizulta li l-klieb li hawn jigru fit-toroq mhux qed jingabru minhabba l-fatt li m'hemmx post fejn jinzammu.

8.10. Il-Kunsillier Ray Pace talab biex issir ittra lill-WMSID partikularment lil min huwa nkarigat mis-sezzjoni tas-separazzjoni ta' l-iskart biex kemm jista' jkun malajr jergghu jitqassmu l-boroz il-grizi minhabba l-fatt li hafna residenti spiccawlhom u ghaldaqstant jekk dawn ma jitqasmux jista' jkun li jigi effetwat il-progett pilota.

8.11. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet harget il-Letter to start Work inkonnessjoni max-xoghol ta' Misrah il-Fortizza. Il-kelliem qal li x-xoghol ghandu jibda fil-jiem li gejjin.

8.12. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fuq talba ta' l-Onorevoli Evarist Bartolo, hu kien ser jistiednu biex jiltaqa' mal-Kunsill qabel il-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

8.13. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet ser tinkiteb ittra ohra lil dawk ir-residenti li joqghodu Triq Don Luigi Rigord li ghadhom ma halsux l-ammont

dovut ta’ Lm 15.00 ghal-installzzjoni ta’ l-Earth Electrode kif ukoll ser jigu nfurmati li jekk ma jsirx il-hlas ser jittiehdu passi legali.

8.14. Il-Laqgha ntemmet fid-9.15 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 8 ta’ Novembru 2000 fil-5.30 pm.

**Joe Zammit**
**Sindku**

**Kevin Borg**
**Segretarju Ezekuttiv**